

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2022 fil-Kawża M.9343 – Hyundai Heavy Industries Holdings vs Daewoo Shipbuilding & Marine Engineering fl-intier tagħha (id-Deċiżjoni); u
- tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż tagħha u tħallas l-ispejjeż tar-rikorreni f'din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi fir-rigward tat-tentattiv tal-Kummissjoni li turi l-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fuq il-bażi tal-analiżi tal-mertu li ma huwiex konness mat-test legali li d-Deċiżjoni ssostni li qed tapplika.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni u nuqqas ta' motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni kkontestata kienet toħloq pożizzjoni dominanti li tirriżulta f'impediment sostanzjali għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern minħabba (a) id-dipendenza fuq l-ishma tas-suq bħala prova "*prima facie*" tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti minkejja marġini persistenti baxxi, kapacià żejda strutturali u sejħiet għall-offerti mhux frekwenti, (b) in-nuqqas li jiġu rrikonossuti r-restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati mill-kompetituri u evalwazzjoni żbaljata taċ-ċentralità, (ċ) it-tkeċċija tal-klijenti setgħa ovyja tax-xerrej fsuq ikkaratterizzat minn kapacià żejda u offerti mhux frekwenti u ta' valur għoli, (d) in-nuqqas li jiġi stabbilit kif it-tranżazzjoni kkontestata twassal għal ostaklu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fis-suq intern, u (e) l-evalwazzjoni żbaljata tal-firxa ta' riżultati possibbli li kienu jipprevalu mingħajr it-tranżazzjoni kkontestata.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt tad-difiża u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba minħabba n-nuqqas tal-Kummissjoni li tadotta dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet supplimentari biex tirrimedja għan-nuqqas ta' ċarezza dwar l-aspetti ewlenin tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-dipendenza fuq provi mhux inklużi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' diliġenza minħabba l-fatt li ħafna mill-provi tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni kienu skaduti saż-żmien meta l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tagħha, u li hija naqset milli tinvestiga bir-reqqa u b'imparzjalità l-iktar fatti kritiċi, u b'hekk ippreġudikat l-eżitu tat-tranżazzjoni kkontestata.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2022 – Dehaen vs EUIPO – National Geographic Society (NATIONAL GEOGRAPHIC)**

(Kawża T-157/22)

(2022/C 207/60)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorren: Karolien Dehaen (Schilde, il-Belġju) (rappreżentanti: T. van Innis u A. Van der Planken, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: National Geographic Society (Washington, District of Columbia, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea NATIONAL GEOGRAPHIC – trade mark tal-Unjoni Nru 2 148 799

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 972/2020-1

### **Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## **Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2022 – Dehaen vs EUIPO – National Geographic Society (NATIONAL GEOGRAPHIC)**

**(Kawża T-158/22)**

(2022/C 207/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

*Rikorrent:* Karolien Dehaen (Schilde, il-Belġju) (rappreżentanti: T. van Innis u A. Van der Planken, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* National Geographic Society (Washington, District of Columbia, l-Istati Uniti)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea NATIONAL GEOGRAPHIC – Trade mark tal-Unjoni Nru 9 419 731

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 975/2020-1

### **Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-